

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

9.4.2008

0029/2008

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

skond l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Mario Mauro, Iles Braghetto, Cristina Gutierrez-Cortines

dwar l-edukazzjoni universitarja u r-riċerka fl-ispazju akkademiku Ewropew

Data ta' skadenza: 15.7.2008

0029/2008

Dikjarazzjoni bil-miktub dwar l-edukazzjoni universitarja u r-riċerka fl-ispazju akkademiku Ewropew

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikoli 17, 149, 151 KE,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 163 KE u s-segweni tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 13-14, 22, 45 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi ċ-ċittadini għandhom ikunu konxji ta' l-identità ta' l-Unjoni, għanja bil-kultura u l-lingwi u miftuħa għad-dinja;
- B. billi l-universitajiet huma postijiet privileġġjati biex wieħed jgħix din l-identità;
- C. billi l-ispazju Ewropew tar-riċerka (Liżbona 2001) għandu jiġi integrat fi spazju akkademiku Ewropew fejn l-għalliema u l-istudenti jiċċaqilqu b'mod ħieles f'networks interuniversitarji dejjem aktar mifruxin;
- D. billi l-kwalifika ta' *Universitas europaea* hija meħtieġa sabiex tkun akkreditat il-prestiġju ta' universitajiet li huma strutturalment orjentati lejn l-interkonnessjoni u r-rikonnessjoni reċiproku;
- E. billi jqis l-importanza u l-limiti tal-Proċess ta' Bolonja;
1. iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet biex jimmiraw il-ħidma kumplimentarja u ta' appoġġ lejn il-ftuħ reċiproku mmexxi dejjem aktar minn sistemi ta' għarfien fl-ispazju akkademiku Ewropew;
 2. jawgura li jkun hemm rikors għall-kwalifika *Universitas europaea* sabiex il-prestigijsu miksub mill-universitajiet impenjati b'mod strutturali favur offerti komuni ta' formazzjoni universitarja u l-organizzazzjoni ta' riċerka fuq bażi transnazzjonali, ikun akkreditat fuq il-bażi ta' parametri stabbiliti mill-Unjoni;
 3. jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-lista tal-firmatarji, lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri.